**5 ta' Marzu, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Edward Busuttil

*versus*

Direttur tar-Reġistru Pubbliku

## Eċċezzjoni ta' *res judicata*

*Biex tirnexxi l-eċċezzjoni tar-*res judicata *jrid ikun hemm it-tliet elementi tal-*eadem res, eadem personae *u* eadem causa petendi.

*Għal dak li jirrigwarda l-element ta' l-*eadem res *- l-identità ta' l-oġġett - dan ikun jirrikorri jekk bejn it-talbiet fit-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel waħda jkun hemm kontradizzjoni u mpossibilità ta' ko-eżistenza. Ma hemmx għalfejn li l-identità tkun assoluta u materjali imma tibbasta l-identità ġuridika.*

Il-Qorti:-

*Rat l-att ta' ċitazzjoni fl-ismijiet fuq indikati ppreżentata* fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. L-attur, wara li ppremetta li hu iben leġittimu ta' Carmel Fabri u Joan neè Scicluna, kif jirriżulta mill-Att ta' Twelid 3787/57, li f'dan iċ-ċertifikat l-imsemmi Carmel Fabri jinsab indikat bħala Carmel Busuttil bin missier mhux magħruf, li a tergo ta' l-Att ta' Twelid 3787/57 hemm annotazzjoni ordnata b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li fl-ismijiet **Fabri** ***noe vs*** **Direttur tar-Reġistru Pubbliku** deċiża fl-1 ta' Frar, 1973, liema annotazzjoni hija fis-sens illi Carmelo Busuttil ġie rikonoxxut bħala iben naturali ta' Emmanuele Fabri, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, b'kuntratt ta' l-14 ta' Lulju, 1970, in atti Nutar Dottor Joseph Cachia, li għalhekk l-isem korrett ta' missier l-attur huwa Carmelo Gabri u mhux Carmelo Busuttil u li l-attur per konsegwenza hu intitolat iġib il-kunjom Fabri - premess dan

kollu l-attur talaB li jiġi ddikjarat u deċiż li hu ntitolat iġib il-kunjom Fabri bħala dak tal-missier leġittimu tiegħu u mhux il-kunjom Busuttil; li jiġi ddikjarat fl-istess Att ta' Twelid ta' l-attur li hu (l-attur) hu iben Carmelo Fabri iben naturali ta' Emanuel Fabri u dan billi l-istess Att jiġi korrett fis-sens li fil-kolonna missier it-tarbija l-isem "Carmel Busuttil" jiġi sostitwit bl-isem "Carmel Fabri" u taħt isem u kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet, il-kliem "*unknown father*" jiġu *sostitwiti* bil-kliem "Emanuel Fabri (missier naturali)"; u in difett u alternattivament jiġi annotat fuq l-istess att li hu ntitolat iġib il-kunjom Fabri, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu (fejn) l-esponent odjern, konvenut fl-ewwel istanza, eċċepixxa *illi* ċ-*ċitazzjoni* kienet nulla billi saret mill-attur f'isem ċjoè kunjom li ma jappartjenix lilu, li, bla preġudizzju għal dik l-ewwel eċċezzjoni, l-ewwel talba attriċi kienet superfluwa u inutili billi l-attur huwa ġà ntitolat iġib il-kunjom Fabri u għaldaqstant dik it-talba għandha tiġi miċħuda; li t-tieni talba attriċi kellha wkoll tiġi miċħuda billi ma kien hemm ebda żball li jeħtieġ korrezzjoni fl-Att ta' Twelid ta' l-attur; li t-tielet talba attriċi hija nfondata fid-dritt u li, konsegwentement, hu ma kellu jbati ebda spejjeż;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Marzu, 1981, li biha dik l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talbiet ta' l-attur u ddikjarat li l-attur huwa ntitolat li jġib il-kunjom "Fabri" bħal dak tal-missier leġittimu tiegħu minflok il-kunjom "Busuttil" u ddikjarat li fl-istess att tat-twelid huwa għandu jiġi ddikjarat li huwa iben Carmelo Fabri iben naturali ta' Emanuel Fabri u dana billi l-istess att jiġi korrett fis-sens *illi fil-kolonna* "missier it-tarbija" l-isem "Carmel Busuttil" jiġi sostitwit bl-isem "Carmel Fabri" u taħt l-isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet il-kliem "*unknown father*" jiġu sostitwiti bil-kliem "Emanuel Fabri (missier naturali)" u in difett u

alternattivament jiġi annotat fuq l-istess atti li huwa ntitolat li jġib il-kunjom "Fabri", bl-ispejjeż kontra l-attur wara li dik l-Onorabbli Qorti kkunsidrat:

*Omissis*;

"Mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta li dana kull darba li jkollu bżonn ċertifikat tat-twelid tinqalalu problema ma' l-Awtoritajiet billi fiċ-ċertifikati li joħorġu tat-twelid, kunjomu jibqa' jiġi mniżżel "Busuttil" minflok "Fabri" kif suppost għandu jkun. Jirriżulta li huwa iben leġittimu ta' Karmnu Fabri li għall-ewwel kien jiġi reġistrat fiċ-ċertifikat tiegħu bħala *unknown father*. Sussegwentement wara kawża li kien għamel dana kien ottjena li huwa għandu d-dritt li jiġi rikonoxxut bħala iben naturali ta' Emanuel Fabri kif ukoll li jġib il-kunjom ta' Fabri;

Mill-provi dokumentati esebiti kif ukoll mix-xhieda ta' l-attur mhix kontradetta, il-fatti fiċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni jidher li huma sostanzjati u għalhekk it-talbiet attriċi jimmeritaw li jiġu milqugħa";

Rat a fol. 19 in-nota ta' l-appell tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku u a fol. 21 sa 29 il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess li permezz tagħha talab illi din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla u subordinatament f'każ li ma tiddikjarahiex nulla, tirrevokaha, billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant u b'hekk tiċħad it-talbiet kollha attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat a fol. 32 ir-risposta ta' l-appellat li biha ssottometta li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża kienu s-segwenti:

Fl-14 ta' Settembru, 1935, twieled minn relazzjoni extra-konjugali bejn Adelaide Busuttil u Emanuel Fabri, it-tifel Carmelo;

Fl-att ta' twelid ta' dana Carmelo (Att ta' Twelid 6612/35) huwa ġie mniżżel bħala iben *unknown father* u għalhekk beda jġib il-kunjom Busuttil;

Carmelo Busuttil iżżewweġ lil Joan neè Scicluna u fid-19 ta' Mejju, 1957, kellhom tifel li ssemmewh Edward. L-Att ta' Twelid ta' dana Eward huwa 3787/57;

Fl-1970 Emanuel Fabri iddeċieda li jirrikonoxxi bħala iben naturali tiegħu lil Carmelo Busuttil. Dana sar b'kuntratt iddatat 14 ta' Lulju, 1970, fl-atti tan-nutar Dottor Joseph Cachia. Dana ir-rikonoxximent ġie annotat fl-Att ta' Twelid ta' Carmelo 6612/35) a tenur ta' l-artikolu 324 tal-Kodiċi Ċivili. Billi dana r-rikonoxximent sar wara l-ewwel ta' Jannar, 1966, Carmelo Busuttil beda jġib il-kunjom Fabri flok Busuttil, u dan in forza ta' l-artikolu 106 (2) (a) tal-Kapitolu 23;

Iżda dana r-rikonoxximent u l-annotazzjoni ħolqu anomalija. Filwaqt li l-missier, Carmelo, seta' u beda jġib il-kunjom Fabri, ibnu Edward, li twieled qabel ir-rikonoxximent, baqa' rreġistrat fl-Att ta' Twelid 3787/57 bħala iben Carmel Busuttil;

Għalhekk fl-1972, Carmelo Fabri bħala leġittimu rappreżentant ta' uliedu minuri, fosthom Edward, għamel kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta tagħha r-Reġina kontra d-Direttur tar-Reġistru Publiku u kuraturi fejn talab li fl-atti tat-twelid ta' uliedu il-kunjom "Busuttil" jiġi sostitwit bil-kunjom "Fabri". B'sentenza tagħha tal-1 ta' Frar, 1973, dik il-Qorti ċaħdet it-talba attriċi, iżda, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza, fosthom is-sentenza fl-ismijiet **Michaele McLean ġà Abdillah** *vs* **Notaro Salvatore Cremona** ***noe et***, Vol. XXVII.II.305, ordnat annotazzjoni fil-marġini ta' l-Att ta' Twelid 3787/57;

Effettivament id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fit-termini ta' dik is-sentenza daħħal din l-annotazzjoni fl-Att tat-Twelid ta' l-attur odjern;

B'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta tagħha r-Reġina fl-1 ta' Frar, 1973, fil-kawża **Carmelo Fabri** ***noe vs*** **Direttur tar-Reġistru Pubbliku** *et*, li saret definittiva, ġiet ordnata l-annotazzjoni fil-ġenb ta' dan l-att tat-twelid fis-sens illi l-missier Carmelo Busuttil, kif jidher mill-annotazzjoni fil-ġenb ta' l-att tat-twelid tiegħu numru 6612/1935, ġie rikonoxxut għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi bħala iben naturali ta' Emanuele Fabri b'kuntratt ta' l-14 ta' Lulju, 1970, in atti Dottor Joseph Cachia u assuma a termini ta' l-artikolu 106 tal-Kodiċi Ċivili l-kunjom "Fabri";

Illi fl-isfond ta' dawn il-fatti issa din il-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina l-appell interpost;

Fl-ewwel lok l-appellant, limitatament għat-tieni talba kif proposta mill-attur appellat, issolleva l-eċċezzjoni tar-*res judicata* fit-termini ta' l-artikolu 733 (1) tal-Kap. 15;

Effettivament, l-ewwel kawża, ċjoè dik deċiża fl-1 ta'

Frar, 1973, kienet ġiet istitwita minn Carmelo Fabri bħala leġittimu rappreżentant ta' uliedu minuri fosthom l-attur odjern. Fil-fatt it-talba ta' l-attur *nomine* f'dik il-kawża kienet biex issir korrezzjoni ta' l-atti tat-twelid tagħhom billi l-kunjom tagħhom jitbiddel minn "Busuttil" għal "Fabri";

Rilevanti hawnhekk dak li jgħid il-Marcade, kif riportat mill-Mattirolo (Trattato di Diritto Giudiziario Civile, Vol. 5, para. 48) u ċjoè: "*Fa uopo esaminare se la quistione che l'attore solleva con la seconda domanda sia o non sia stata gia decisa col giudicato precedente , se, in altri termini, il punto che si pretenderebbe in oggi di discutere sia gia stato giudicato con la precedente sentenza, ovvero se questa abbia lasciato il detto punto impregiudicato, insoluto. Ed a questo fine conviene porre a confronto il principio affermato con la decisione precedente e la domanda che si vorrebbe far valere nel secondo giudizio. Se questa domanda non è contradetta, non è esclusa, e perciò può coesistere col principio contenuto nella disposizione della sentenza, si conchiuderà che non vi è ostacolo di cosa giudicata, che si tratta di domanda nuova non ancora giudicata; se invece la contradizione esiste, se la consistenza della domanda col dispositivo appare impossibile, si dovrà ritenere che vi è identità di oggetto tra il punto gia deciso e la nuova domanda, e che quindi sopra di questa vi è la cosa giudicata*";

Jiġifieri jekk bejn it-talbiet fit-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u mpossibilità ta' ko-eżistenza, allura jokkorri l-element fondamentali tal-ġudikat konsistenti fl-identità ta' l-oġġett;

Ma' dan jiżdied illi dwar l-identità tal-ħaġa mitluba bħala wieħed mir-rekwiżiti tal-ġudikat, hu paċifikament ammess li mhux neċessarju li l-identità tkun assoluta u materjali, imma

tibbasta l-identità ġuridika;

Fil-każ in diżamina din il-Qorti m'għandhiex dubbju li jirrikorru kemm l-element ta' l-*eadem res* kif ukoll dak ta' l-*eadem personae*;

Inoltre, minn eżami tas-sentenza ta' l-1973 u taċ-ċitazzjoni promotriċi ta' din il-kawża, ma jistax ikun hemm dubbju illi jokkorri ukoll l-element l-ieħor ta' l-*eadem causa petendi*. Infatti, kif ġie rriportat fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Novembru, 1951, in re **Camilleri vs Pace** *noe*: "*per decidere se vi sia cosa giudicata, in quanto si controverte se sua seconda domanda abbia carattere di novità o piuttosto presenti identità colle "causa petendi", gia sperimentata in altra precedente, si deve aver riguardo non soltanto al titolo o nome dell'azione, nonchè alla legge invocata, ma altresi al diritto conteso, all'intento ed al fine la parte si propone di conseguire* " (Temi. V. 21. 487). A bażi ta' dawn il-kriterji ormai paċifikament assodati ma jistax ikun hemm dubbju dwar l-identità tal-*causa petendi* fiż-żewġ kawżi;

Ikkunsidrat:

Dan stabbilit jiġi ribadit illi "*l'effetto precipuo della cosa giudicata è di evitare ogni esame su ciò che ne formò subietto; ed una volta ammessa l'esistenza del giudicato su di un punto di quistione, è assolutamente proibito al magistrato di prendere ad esame le deduzione dirette a rimettere in quistione ciò che con esso è stato deciso.* (Fadda: Effetti della Cosa giudicata n. 2707);

Għal dawn il-motivi għalhekk, u anke a bażi tal-prinċipju li *exceptio rei judicatae nocebit ei qui dominium successit eius qui judicio expectus est*, l-eċċezzjoni tar-*res judicata* fir-rigward

tat-tieni domanda ta' l-attur appellat qed tiġi akkolta;

Ikkunsidrat dwar it-tielet talba:

Illi l-appellant issottometta illi ġaladarba ntlaqgħu l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi l-Ewwel Qorti ma setgħetx tilqa' ukoll it-tielet talba kif proposta mill-attur;

Illi t-tielet talba ta' l-attur kienet intiża għal każ li l-ewwel u t-tieni talbiet, u partikolarment it-tieni, jiġu miċħuda u f'dan is-sens m'hemmx dubbju li kienet alternattiva li kien qed jitlob l-attur. Ċertament ma setgħetx l-Ewwel Qorti tilqa' l-ewwel żewġ talbiet u tilqa' t-tielet ukoll għax dan mhux biss kien *superfluwu iżda kien jikkostitwixxi ukoll kontrosens*;

F'dan l-istadju, però, stante dak li diġà ġie deċiż fir-rigward tat-tieni talba, u dak li ser jingħad dwar l-ewwel talba, din il-Qorti hi tal-fehma li l-liġi ma tintilohahiex tordna annotamenti bħal dawn li qed jitlob l-attur, molto più meta l-istess *dritt li qed jirreklama l-attur, u ċjoè li jġib il-kunjom* "Fabri" flok "Busuttil", jirriżulta mill-istess Att tat-Twelid tiegħu;

Għalhekk anke kwantu jirrigwarda t-tielet talba l-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ser jiġi akkolt;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel talba ta' l-attur appellat:

Illi kkunsidrat li n-natura ta' din it-talba hi waħda deklaratorja u xi kwalità ta' talba hi din il-Qorti sempliċement ma tistax tifhem kif tista' b'xi mod tiġi akkolta fil-konfront tal-konvenut appellant una volta *l-attur għażel lilu bħala l-leġittimu* kontradittur tiegħu. L-artikolu 106 tal-Kodiċi Ċivili ma jistax

ikun ċar aktar milli hu u aktar milli għamel il-konvenut meta, wara s-sentenza ta' l-1973, għamel l-annotazzjoni relattiva fl-*Att tat-Twelid ta' l-attur ma jistax jagħmel u ma jistax jiġi* orndat jagħmel. Anzi bir-rispett kollu lejn l-attur appellat hu l-każ li jingħad li ċ-ċitazzjoni odjerna l-attur ma kellux jistitwiha f'ismu bħala Edward Busuttil iżda bħala Edward Fabri stante l-annotazzjoni li kienet diġà saret. Dina l-Qorti però ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellant li għal din ir-raġuni ċ-ċitazzjoni hija nulla għaliex del resto il-kunjom Busuttil kien u jibqa' jidher fl-att tat-twelid tiegħu u hu tiegħu daqskemm hu tiegħu d-dritt li juża l-kunjom Fabri;

Ikkunsidrat fl-aħħarnett:

*Illi l-appellant appella ukoll mill-kap ta' l-ispejjeż iżda* evidentement l-appellant kellu f'idejh kopja żbaljata tas-sentenza appellata għaliex l-Ewwel Qorti akkollat l-ispejjeż lill-attur u mhux lill-konvenut;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost kif ġej u ċjoè *kwantu jirrigwarda t-tieni domanda attriċi tilqa'* l-eċċezzjoni tar-*res judicata* ssollevata mill-konvenut appellant bl-ispejjeż kontra l-attur appellat u kwindi tiċħad l-istess tieni talba, u kwantu jirrigwarda l-ewwel u t-tielet domandi attriċi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad l-istess talbiet. L-ispejjeż kollha kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza jitħallsu mill-attur appellat.